2024/2934

25.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2934

tal-25 ta' Novembru 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies tibdil reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu tliet persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Jenħtieġ li l-informazzjoni marbuta ma' persuna waħda elenkata fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 tiġi aġġornata.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

HANKÓ B.

[1] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-taqsima "A. Persuni":

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"359.	Louai Emad El-Din al-MUNAJJID **لؤي عماد الدين المنجد**	Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru għan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Settembru 2024. Eks Ministru għall-Affarijiet Soċjali u x-Xogħol. Bħala Ministru tal-Gvern, Louai Emad El-Din al-Munajjid jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024
360.	Firas Hassan QADDOUR فيراس حسان قدور	Data tat-twelid: 1962; Post tat-twelid: Damascus; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru għaż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Maħtur f'Marzu 2023 u maħtur mill-ġdid f'Settembru 2024. Bħala Ministru tal-Gvern, Firas Hassan Qaddour jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024
361.	Ahmed Mohammad BUSTAJI **أحمد بوسته جي**	Post tat-twelid: Idleb; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Marzu 2023 u maħtur mill-ġdid f'Settembru 2024. Bħala Ministru tal-Gvern, Ahmed Mohammad Bustaji jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	25.11.2024";

(2) fit-taqsima “A. Persuni”, l-entrata 30 hija sostitwita b’dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“30.	Mohammad (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed, Muhamad) al-MUFLEH (magħruf ukoll bħala al-Muflih) (محمد المفلح)	Data tat-twelid: qabel l-1964 Sess: raġel	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana fil-belt ta’ Hama; involut fir-repressjoni fuq id-demostranti.	1.8.2011”.